# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 201/2016

**Il-Pulizija**

**(Assistent Kummissarju Dennis Theuma)**

**vs**

**Wayne Falzon**

Seduta tal-20 ta' Mejju, 2021

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonjiet dedotti kontra l-appellant, Wayne Falzon, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 387585M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-Ġzejjer fit-3 ta' Ottubru, 2010 u fis-sentejn ta' qabel din id-data:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar

il-Mediċini Perikolużi Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenżja mill-President ta' Malta mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-Liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija ġiet fornuta lilu għal użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-

Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kienetx għall-użu esklussiva tiegħu;

Il-Qorti kienet mitluba li f'kaz ta' htija titratta lill-imputat bhala recidiv b'sentenza tat-2 t'April, 2009 moghtija mill-Magistrat Dr. A Micallef Trigona LLD liema sentenza hija definittiva w ma tistghax tkun mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-15 ta' April, 2016 li biha sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu (b'dan illi kif ingħad sabitu ħati b'referenza għat-3 ta' Ottubru 2010 u l-ħames xhur ta' qabel din id-data u mhux is-sentejn ta' qabel din id-data) u ikkundannatu għall-piena ta' **ħmistax-il (15) xahar priġunerija effettiva** u **multa ta' elf u mitejn Euro (€1,200)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' sittin Euro (€60), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar minn meta l-ħati jiskonta l-piena karċerarja erogata b'dik is-sentenza u għal dan il-għan, ir-Reġistratur għandu jikkonferma din id-data mal-awtoritajiet tal-ħabs. B'dan illi kemm il-darba l-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed fiż-żmien lilu preskritt, l-ammont kollu jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skond il-liġi.

In oltre ikkundannat lill-imputat għall-ħlas tal-ispejjeż tal-espert maħtur f'dawn il-proċeduri, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia l-ispejjeż konnessi mar-

relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti għas-somma ta' mitejn, sebgħa u għoxrin Euro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€227.74), liema somma għandha titħallas mill-ħati fi żmien sena mil-lum.

Bl-istess sentenza, l-ewwel Qorti ordnat ukoll d-distruzzjoni tad-droga u l-oġġetti kollha esebiti u finalment ordnat li tingibed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Ħabs illi l-imputat għandu jingħata l-għajnuna u l-kura kollha li għandu bżonn sabiex jirrijabilita ruħu mill-vizzju tad-droga, inkluż billi jingħata l-opportunita` li jsegwi programm għar-rijabilitazzjoni tiegħu mill-vizzju tad-droga;

Rat ir-rikors tal-appellant, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-22 ta' April, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti jogħġobha **tirriforma** s-sentenza appellata, billi **tikkonfermha** in kwantu ħtija fiz-żewġ imputazzjonijiet, u minflok **tvarja** l-piena nflitta u tissostitwixxi l-istess b'piena anqas ħarxa u li tirrispekkja l-każ in eżami;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Dan l-appell huwa limitat għall-piena erogata mill-ewwel Qorti li fil-fehma tal-appellant hija waħda iebsa ħafna u mhux meritata meta wieħed iqis x'irriżulta matul il-proċess igifieri li l-appellant ikkopera bis-sħiħ f'kaz fejn huwa vittma tal-uzu tad-droga tant li sabiex ikun jista' jmantni l-vizzju tieghu kien gieli ibiegh xi pakkett ta' eroina u anke gieli tah b'xejn izda certament mhux biex jistghana.

2. Illi waqt is-sottomissjonijiet verbali tieghu, d-difensur tal-appellant lmenta dwar il-fatt illi l-imputat ma kienx assistit waqt l-interrogazzjoni mill-Pulizija inkluz fl-ghoti tal-istqarrija li fiha kien ammetta li kien ilu madwar hames xhur ibiegh id-droga sabiex imantni l-vizzju tieghu. Dan l-argument, ossia osservazzjoni, izda ma kienx wiehed mill-aggravji formanti l-appell tal-imputat u ma kien hemm ebda procedura quddiem Qorti ohra li setghet kellha xi ezitu fuq l-effetti ta' din l-istqarrija. Konsegwentement ma jista' jkollu ebda ezitu fuq il-process odjern f'dan l-istadju u jidher li l-imputat huwa sokkombenti ghal dan tant li jidher li l-kwistjoni tal-istqarrrija semmiha *en passant* u mhux bhala lment li jehtieg decizzjoni dwaru;

3. Il-fatti ta' dan il-kaz huma li wara li l-Pulizija kienu waslulha rapport li l-imputat kien qieghed jitraffika fid-droga kienet qed issir sorveljanza quddiem ir-residenza tieghu u fil-jum in kwistjoni waqt li l-imputat kien hiereg mid-dar, twaqqaf u fuqu instabu zewg qratas ta' droga li aktar tard irrizultat li kienet eroina. Minn tfittxija fir-residenza fejn jghix, instabet aktar droga b'kollox f'piz ta' 2.75 grammi,

mizien eletroniku u kuccarina. Kif gia senjalat, waqt l-interrogatorju l-imptutat stqarr li kien jabbuza mid-droga eroina u li biex imantni il-vizzju tieghu kien ukoll ibiegh minnha;

4. Issa, l-ewwel Qorti kkalkolat illi bl-ammont ta' droga misjuba fil-pussess tieghu l-imputat seta johrog dsatax-il qartas ta' 0.2 gramma li huwa n-norma fil-konsum ta' droga eroina.

5. L-argument mressaq mill-appellant ghaliex kellu jinghata piena aktar miti huwa msejjes fuq paraguni ma' sentenzi ohra li, izda, bid-dovut rigward, anke li kieku kellha din il-Qorti ghall-mument taccetta li jsiru paraguni, ma jixbhu xejn mal-kaz in disamina;

6. Is-sentenza appellata takkludi ukoll konsiderazzjonijiet dwar il-piena u minn dan l-aspett hija wahda inecepibbli ghaliex hadet in konsiderazzjoni l-fatturi kollha li kienu jsawru l-kaz, igifieri, l-aspett socjali tal-appellant kif jemergi mis-*social inquiry report* kommissjonat fuq talba tieghu u l-hajja raffrettarja kif emergenti mill-fedina penali tieghu mhux biex tippenalizzah aktar izda biex tippuntwalizza li ma gharafx jiehu l-opportunitajiet kollha li inghatawlu;

7. Illi fin-normalita' u f'cirkostanzi konsimili, din il-Qorti ma jkollha ebda raguni ghaliex tilqa' aggravju ta' din in-natura aktar u aktar meta ma ngiebet ebda prova ta' xi kambjament fil-hajja tal-appellant jew almenu ried li jaghmel dan. Minkejja dan, u mighajr bl-ebda mod ma tkun zvalutata

s-serjeta' tar-rejat in kwistjoni li huwa l-qerda ta' hafna nies ta' kull eta' u in omagg tal-isforzi kollha li dawn il-Qrati u s-servizzi socjali jaghmlu biex jirriabilitaw lin-nies aflitti minn dan il-vizzju, l-Qorti ser tikkonsidra temperament fil-piena. Ir-raguni ghal dan hi bazata fuq tlett fatturi, senjatament sabiex tkun inghatat kull opportunita' possibbli lill-imputat biex jirriabilita ruhu u sabiex ikun konvint minn dan; il-konsiderazzjoni ukoll tat-trapass ta' zmien f'dawn il-proceduri li mhux dovut ghall-appellant, u finalment illi f'kawzi ohra fejn rizultat ta' patteggjament dwar trafikkar ta' droga eroina u assocjazzjoni ghal skop ta' traffikar f'ammont ta' kilo inghatat piena ta' seba' snin prigunerija (ara per ezemplari : Republic of Malta vs Theophilus Nwadike, deciza fl-10 ta' Settembru, 2020).

8. Illi intqal kemm il-darba minn din il-Qorti illi l-paraguni huma odjuzi u dan qed ikun riaffermat anke f'din is-sentenza. Irid jinghad ukoll illi l-Qorti ghandha tkun libera li teroga din il-piena li jidhrilha xierqa ghall-kaz quddiemha skont il-fatti speci tieghu, izda dejjem ghandu jkun hemm element ta' proporzjonalita'. Anke jekk is-sentenza hija inecepibbli, kif intqal *supra* ghal-motivi hawn dikjarati, l-Qorti ser tilqa' l-appell;

9. Ghalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell qed ikun akkolt u qed tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li fiha sabet lill-appellant hati taz-zewg imputazzjonijiet u ddikjaratu recediv, thassaraha f'dik il-parti li biha kkundannatu għal ħmistax-il xahar priġunerija u

minflok qed tikkundannah għal ħdax-il xahar priġunerija u tikkonfermaha fil-kumplament.

10. Finalment tirreplika r-rakkomandazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti lid-Direttur tal-Habs li jippresta l-ghajnuna kollha mehtiega ghar-riabilitazzjoni tal-hati.